Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

11645/20

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2019/0126 (NLE)**

**AVIATION 174**
**RELEX 726**
**USA 33**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar ir-Rispett għal-Limitazzjonijiet ta' Żmien għall-Arranġamenti għall-Provvista ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...**

**ta'…**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea,**
**tal-Ftehim dwar ir-Rispett għal-Limitazzjonijiet ta' Żmien**
**għall-Arranġamenti għall-Provvista ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ**
**bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda**
**u r-Renju tan-Norveġja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew[1],

---

[1] Approvazzjoni ta'… (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1580[1], il-Ftehim dwar ir-Rispett għal-Limitazzjonijiet ta’ Żmien għall-Arranġamenti għall-Provvista ta’ Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja ("il-Ftehim")[2] ġie ffirmat fis-27 ta' Awwissu 2019, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f’data iktar tard. Il-Ftehim, li huwa mehmuż għad-Deċiżjoni (UE) 2019/1580 flimkien mal-Memorandum ta' Konsultazzjonijiet[3] ġie applikat b’mod proviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu.

(2) Il-Ftehim ġie ffirmat bl-Ingliż. Skont il-liġi tal-Unjoni, il-Ftehim ġie mfassal ukoll b'lingwi uffiċjali oħra tal-Unjoni kif previst mid-Deċiżjoni (UE) 2019/1580. Dawk il-verżjonijiet lingwistiċi addizzjonali jenħtieġ li wkoll jiġu awtentikati mill-Partijiet.

(3) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1580 tat-18 ta' Lulju 2019 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fir-Rigward tal-Limitazzjonijiet ta' Żmien dwar Arranġamenti għall-Forniment ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja (ĠU L 245, 25.9.2019, p. 1).

[2] Il-Ftehim dwar ir-Rispett għal-Limitazzjonijiet ta’ Żmien għall-Arranġamenti għall-Provvista ta’ Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ (ĠU L 245, 25.9.2019, p. 3).

[3] Għall-Memorandum ta' Konsultazzjonijiet, ara d-dokument ST 11100/19 fuq http://register.consilium.europa.eu

*Artikolu 1*

Il-Ftehim dwar ir-Rispett għal-Limitazzjonijiet ta' Żmien għall-Arranġamenti għall-Provvista ta' Inġenji tal-Ajru bl-Ekwipaġġ bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja, fejn id-Dikjarazzjoni Konġunta tifforma parti integrali minnu, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.[1]

*Artikolu 2*

Minkejja l-fatt li l-verżjoni bl-Ingliż tal-Ftehim ġiet iffirmata, il-verżjonijiet lingwistiċi bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Netherlandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bl-Iżvediż għandhom jiġu awtentikati permezz ta' skambju ta' ittri bejn il-Partijiet. Il-verżjonijiet awtentikati kollha għandhom ikunu tal-istess valur.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 7(1) tal-Ftehim[2].

---

[1] It-test tal-Ftehim ġie ppubblikat fi ĠU L 245, 25.9.2019, p. 3, flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar.

[2] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*